# Il-Knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ

***Kitba ta' Roderick Busuttil (www.kappellimaltin.com)***
***Ritratti ta' Noel Ciantar, Caroline Busuttil u Victor Pulis***

Faċċata tal-ajruport internazzjonali ta' Malta, fl-inħawi tal-Gudja, wieħed isib il-knisja ta' Bir Miftuħ, knisja mdawra bis-siġar taż-żebbuġ illi mill-ewwel tiġbed l-għajn ta' min jgħaddi minn din in-naħa. Din il-knisja, li hi ddedikata lil Santa Marija, hi waħda mill-aktar antiki li nsibu f'dawn l-gżejjer. Xi ftit snin ilu ġiet irrestawrata u bħalissa tinsab fi stat tajjeb ħafna. Il-knisja għandha importanza kemm storika kif ukoll arkitettonika minħabba l-affarjiet li nstabu fiha matul r-restawr estensiv li sar fiha.

**Oriġini**

Meta fl-1436 l-Isqof Senatore de Mello irrefera għall-għaxar parroċċi antiki li sab f'dawn l-gżejjer fl-atti tiegħu (l-hekk imsejjaħ "*Rollo*"), dawn kienu jinkludu dik ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ. Dan ifisser li sa din id-data din il-knisja kienet diġà teżisti u diġà kienet parroċċa iżda jista' jingħad fiż-żgur li l-knisja ta' Bir Miftuħ kienet ilha sservi ta' parroċċa minn ħafna snin qabel. Din kellha limiti estensivi ħafna li kienu jinkludu l-Gudja, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba, Ħal Tarxien, Ħal Luqa, Ħal Farruġ u Birżebbuġa.

**Iż-żjara ta' Monsinjur Dusina f'Bir Miftuħ**

Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann waslu f'Malta huma kienu waqqfu kmand tad-difiża f'Bir Miftuħ. Il-knisja ġiet iddisakrata fl-1565 matul l-Assedju l-Kbir kontra t-Torok. Meta d-Delegat Appostoliku Monsinjur Dusina żar lil Bir Miftuħ fl-1575 sab lil din il-knisja fi stat tajjeb ħafna biex isservi l-Uffiċċju Divin. Hu semma li l-knisja kellha żewġ altari li t-tnejn kienu ddedikati lill-Assunta. Monsinjur Dusina rrakkomanda li wieħed minnhom tinbidillu d-dedika. Monsinjur Dusina sab li s-sagrament kien jinżamm ġo armarju sempliċi fuq l-altar. Għalhekk hu ta kmand li jinħadem tabernaklu ġdid biex fih jitpoġġa s-sagrament. Billi din il-knisja, bħal oħrajn bħalha kienet tintuża għad-dfin, Monsinjur Dusina rrimarka li għandhom jitħaffru oqbra aktar addattati minn dawk li kien hemm f'nofs il-knisja.

Fi żmien iż-żjara tal-Monsinjur Dusina fl-1575 insibu li l-parroċċa ta' Bir Miftuħ kellha 55 knisja filjali li kienu 5 f'Bir Miftuħ, 9 fil-Gudja, 5 Ħal Tarxien, 3 f'Ħal Kirkop, 8 fl-Imqabba, 4 f'Ħal Safi, 2 f'Ħal Farruġ u 11 f'diversi limiti ta' dawk l-inħawi.

## Il-knisja tiġi attakkata u misruqa għal diversi drabi



Din il-knisja ma kinetx f'xi ċentru tar-raħal iżda fost il-kampanja qalb l-għelieqi u r-raba' u għalhekk kienet esposta għal attakki u serq. Sfortunatament din il-knisja ġiet attakkata għal iktar minn darba mill-furbani Torok. Dwar dawn l-attakki nsibu diversi stejjer u tradizzjonijiet fosthom li minħabba s-serq ta' spiss li kien isir minn din il-knisja, it-teżori li kienu jinstabu fiha kienu ġew moħbija f'oqbra fil-knisja. Skont storja oħra dawn ġew mitfugħa ġo bir viċin il-knisja flimkien mal-qniepen l-antiki li kien hemm fuq il-kampnar tagħha u naturalment, bħal dejjem, dawn qatt ma kienu nstabu.

Minħabba l-biża' tal-attakki mill-furbani in-nies tal-inħawi tal-knisja kienet aktar daħlet tgħammar 'l ġewwa lejn in-naħat magħrufa bħala tal-Gudja, b'riżultat li fix-xitwa nħolqu diversi inkonvenjenzi minħabba l-wied li kien hemm bejn ir-raħal tal-Gudja u Bir Miftuħ. Fl-1656 l-Isqof Balaguer aċċetta t-talba tan-nies li kienu jgħammru fil-Gudja li tinbena knisja oħra fil-qalba tar-raħal bil-kundizzjoni li l-parroċċa tibqa' Bir Miftuħ. Kienu bosta r-raġunijiet validi li ressqu l-Gudjani, fosthom li kien qiegħed issir spiss serq minn Bir Miftuħ, (f'perjodu ta' 35 sena kienu saru ħames serqiet mill-knisja), serq mill-kaxxa tal-offerti, kif ukoll kien hemm serq bi vjolenza.

## Jinsteraq pissidi bl-ostji kkonsagrati mill-knisja ta' Bir Miftuħ



Serqa kbira kienet dik tal-24 ta' Jannar 1663, fejn kien insterqu diversi affarijiet u fost dawn kien hemm pissidi b'ostji kkonsagrati. Dan is-sagrileġġ kbir ġiegħel lill-Gran Mastru ta' dak iż-żmien Rafel Kottoner u l-Isqof Balaguer li jikkundannaw dan l-att gravi u ħarġet l-iskomunika lil dawk li għamlu dan l-att faħxi. Dan il-pissidi kien instab fil-knisja ta' San Ġakbu l-Belt (l-ewwel waħda, mhux dik li hemm illum) vojt mingħajr ostji wara tlett ijiem. Il-piena għal dawn l-ħallelin kieku nqabdu kienet tkun il-mewt, għax f'dak iż-żmien l-Inkwizizzjoni kienet tat is-sentenza tal-mewt għall-offiżi ħafna inqas gravi. Din is-serqa

kienet ġiet investigata b'mod l-iktar rigoruż mill-Inkwizitur, imma l-ħallelin qatt ma kienu nqabdu. Dan minkejja li dak iż-żmien f'Malta kien hawn tliet awtoritajiet reliġjużi ewlenin li kienu l-Kavallieri ta' San Ġwann , l-Isqof u l-Inkwizitur li għamlu dak kollu possibbli biex ikunu huma li jaqbdu lil dawk li għamlu dan l-att. Ta' min jgħid li dawn l-ostji li qatt ma nstabu kien maħsub li intużaw għal riti sataniċi li ġieli kienu ġew irrappurtati li kienu jsiru f'Malta dak iż-żmien.



Żgur li dan il-każ qawwa aktar il-qlub tal-Gudjani biex bil-bżulija u l-ħidma tagħhom il-knisja l-ġdida fil-misraħ tal-Gudja tkun lesta mill-aktar fis possibli. Ta' min isemmi li dan l-fatt storiku tas-serq tal-pissidi mill-knisja ta' Bir Miftuħ ispira lill-kittieb Malti Mikiel Spiteri magħruf aħjar bħala Kilin biex jikteb r-rumanz storiku tiegħu *"L-Għafrid"*, li fuq din l-grajja bbaża storja li tkexkex.

**Parroċċi li ħarġu mill-Knisja ta' Bir Miftuħ u mill-Parroċċa tal-Gudja**

Kif semmejna qabel il-knisja ta' Bir Miftuħ kellha limiti estensivi li kienu jinkludu l-Gudja, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba, Ħal Tarxien, Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Fis-seklu sbatax insibu li Ħal Farruġ ftit li xejn baqa' abitabbli. Ħal Tarxien u Ħal Kirkop saru parroċċi fil-1592, Ħal Safi u l-Imqabba fil-1598 u Ħal Luqa fil-1634. Meta l-amministrazzjoni tal-parroċċa ta' Bir Miftuħ giet ittrasferita lejn il-parroċċa tal-Gudja minn din ħarġet il-paroċċa ta' Birżebbuġia fl-1913. Iktar tard mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien ħarġu l-parroċċi ta' Raħal Ġdid u aktar tard ħarġet il-parroċċa ta' Lourdes. B'hekk il-parroċċa tal-Gudja bdiet tissejjaħ Arċimatriċi u bir-raġun kollu li l-motto magħżul ta' din il-parroċċa huwa *Pluribus Parens*, li jfisser *"omm ta' bosta wlied'*. Il-knisja ta' Bir Miftuħ baqgħet iservi bħala parroċċa sal-1676.



**Il-Knisja**

Il-knisja ta' Bir Miftuħ hija eżempju mill-aqwa ta' arkitettura Medjevali. Il-pjanta hija sempliċi u mingħajr l-ebda elaborazzjoni. L-arkati tagħha jitilgħu għall-ponta u hija msaqqfa b'xorok twal tal-ġebla tal-franka. L-altar li hemm fil-kappella inħadem fit-18-il seklu u nġieb minn Ħal Farruġ (*ir-raħal u d-djar ta' Ħal Farruġ ġew imwittija mill-Gvern Kolonjali biex*



*saret l-airstrip fuq in-naħa tal-Imqabba).*

Din il-knisja hi ddedikata lil Santa Marija, għanda altar wieħed, b'titular li jirrapreżenta lill-Missier Etern iżomm salib u mdawwar bl-anġli. Fl-ispazju ta' taħtu hemm xena ta' għolja fejn il-Madonna bil-Bambin tidher bilqiegħda fuq is-sħab, filwaqt li wieħed fuq kull naħa jidhru San Pietru u San Pawl. L-altar maġġur kien ġie kkonsagrat fis-26 ta' Marzu tal-1591 mill-Isqof Tumas Gargallo. Fuq il-bieb prinċipali nsibu affreski li jmorru lura għal qabel nofs is-seklu sittax. Dawn l-affreski kienu ġew restawrati bil-ħidma ta' Din l-Art Ħelwa u l-Ħal Millieri Bir Miftuħ *Trust*.

Fost il-kappillani li kellha din il-kappella nsemmu lil Dun Bartolomeo Mangion li kien jagħmilha ta' *Locum Tenens* fl-assenza tal-Isqof Gargallo. Tifkira tiegħu hija lapida b'mitra fuqha li tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Gudja. F'din il-knisja, twaqqfu minn Monsinjur Dusina l-ewwel tliet fratellanzi fir-raħal tal-Gudja. Dawn huma tas-Santissmu Sagrament, dik tar-Rużarju u l-fratellanza tal-Agunija.

Fl-1830 l-Baronessa Bettina Muscat Cassia D'Aurel irrestawrat din il-knisja. Dan kien imfakkar b'emblema tal-familja tagħha li kienet fuq wieħed mill-bibien tal-knisja. Sfortunatament din l-emblema nsterqet mill-knisja xi snin ilu.

Fid 9 t'April 1942, il-knisja ta' Bir Miftuħ ġarrbet ħsara kbira meta nofs is-saqaf waqa' iżda imbagħad aktar tard ġie msewwi mill-kappillan tal-Gudja Dun Rapa. Huwa kien ukoll għamel paviment ġdid fil-knisja.

Ta' min jgħid illi l-knisja kienet mitluqa sakemm fl-1970 il-Knisja Maltija afdatha *"in trust"* lill-għaqda volontarja Din l-Art Ħelwa.

## Restawr estensiv minn Din l-Art Ħelwa f'Bir Miftuħ



Minħabba t-telqa kbira li kienet waqgħet fiha din il-knisja, l-awtoritajiet Ekklesjastiċi Maltin għaddew din il-knisja f'idejn l-għaqda volontarja Din l-Art Ħelwa. Dawn mill-ewwel għarfu li din il-knisja kienet teżor kbir u middew għonqhom għax-xogħol ta' restawr. Matul ir-restawr tal-knisja li nbeda fl-1973, wara li tneħħew sitt saffi ta' kisi, inkixef affresk fuq il-faċċata tal-bieb ta' barra. L-affresk imur lura għas-seklu sittax. Dan l-affresk inkixef bejn l-1978 u l-1980. Għalkemm baqgħalna biss ftit biċċiet mill-affresk oriġinali,





m'hemmx dubju li s-suġġett huwa l-ġudizzju universali tal-aħħar tad-dinja. Dan huwa mqassam fi tliet saffi ta' figuri.

Fuq il-ħajt tat-tramuntana hemm pittura ta' mara b'ġiljuwa f'idha u tipponta lejn il-pittura prinċipali fuq l-altar. Il-ħwejjeġ li liebsa din il-figura femminili kienu komuni fil-bidu tas-seklu sittax. X'aktarx il-beneffatturi ta' dan l-affresk kienu l-familja Bonnici għax l-emblema tagħhom hija l-fjura tal-ġilju.

L-affreski uniċi li nstabu f'din il-knisja kienu rrestawrati minn George Farrugia li ħa l-istudji tiegħu fl-Istitut tar-Restawr ta' Ruma.

Ir-restawr tal-knisja kompla billi tneħħa l-pavimentar tal-knisja li kien sar fl-1942 u floku tpoġġiet ċangatura kemm fil-knisja nnifisha, kif ukoll fuq l-passaġġ li jwassal għaliha. Minn żmien għal żmien esperti tar-restawr tal-affreski jżuru l-knisja biex jispezzjonnaw d-deterjorament tagħhom. Finalment fis-sena 2004 tlesta x-xogħol kollu ta' restawr fil-knisja, kif ukoll fl-inħawi ta' madwarha.

Fil-preżent, il-kumpannija *Malta International Airport* (MIA) qiegħda tikkontribwixxi għall-manteniment u r-restawr tal-knisja ta' Bir Miftuħ. Fl-2009 l-MIA irrestawrat it-titular tal-knisja kif ukoll l-altar maġġur tal-ġebel tal-franka li hemm taħtu. It-titular jinsab ġo gwarniċ tal-ġebel skolpit u hu maħdum bit-tempera u ż-żejt fuq l-injam. Ma nafux wisq fuq dan il-kwadru iżda jidher li sar fit-tieni nofs tas-seklu sittax. Il-proċess ta' restawr kien diffiċli minħabba li hu mpinġi fuq l-injam li kkawża qsim fil-ġonot. Ir-restawraturi ħolqu sistema fejn l-injam seta' jespandi u jiċkien mingħajr ma jagħmel ħsara lill-pittura. L-ewwel nett kellhom ukoll ineħħu l-interventi ta' restawr ta' emerġenza li kien sar qabel matul iż-żmien. Huma mbagħad użaw it-teknika moderna tar-restawr li kienet żviluppata ftit wara l-aħħar gwerra dinjija imsejjħa *"tratteggio"* jew *"rigatino"* fejn jitpinġu linji rqaq vertikali tal-kuluri tal-bażi biex jimtlew il-fili. Meta l-pittura taraha mill-bogħod, tidher sħiħa iżda tħalli lok għal ċaqliq mingħajr ħsara. Għandha l-vantaġġ ukoll li fejn isir l-intervent jibqa' evidenti meta l-pittura tkun spezzjonata mill-viċin. L-altar tal-ġebel tal-franka wkoll kien irrestawrat u miżbugħ mill-ġdid fil-kuluri oriġinali tiegħu. Ir-restawr sar mid-*Ditta Sante Guido e Giuseppe Mantella Restauro Opere d'Arte*.

Fil-knisja wkoll, sikwit isiru kunċerti minn gruppi mużikali Maltin kif ukoll barranin, bl-iskop li jinġabru iktar fondi għar-restawr tal-knisja. Fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira tintrama mejda tal-Appostli fuq stil Lhudi. Din l-Art Ħelwa torganizza *guided tours* għat-turisti fil-Ħdud. B'dan il-mod, il-wirt kulturali tal-gżejjer Maltin qiegħed dejjem iktar jingħata għarfien, kemm lokali kif ukoll barrani.

**Dan l-artiklu qed jintuża bil-permess tal-awturi tas-sit *www.kappellimaltin.com***